## Il-Ħames Ħadd tar-Randan
## "Qum, millum 'il Quddiem Tidnibx Iżjed"

***Daħla:*** Ir-Randan hu ż-żmien li fih nagħrfu li Alla hu favur tagħna, jaqbeż għalina, lest li jaħfrilna. Din il-maħfra titfa' fuqna r-responsabbiltà li nindmu bis-serjetà, li nieħdu passi konkreti biex ma nerġgħux niksru l-Patt tagħna m'Alla. Ġesù juri li hu ma jridx jikkundannana imma jridna ngħixu liberi bħala wlied Alla u nesperjenzaw il-qawwa tal-qawmien tiegħu f'ħajjitna. Nibdew diċ-ċelebrazzjoni billi nkantaw ...

***L-Ewwel Qari:*** Alla jwegħdna li jieħu ħsiebna anki fl-esperjenza tad-deżert u jwegħdna li l-barkiet tiegħu se jkunu kbar għall-Poplu tiegħu.

***Responsorju tas-Salm:*** **Kbir f'għemilu l-Mulej magħna**

***It-Tieni Qari:*** San Pawl jagħtina eżempju ta' kif għandna naħsbu bħala nsara: ninsabu f'mixja spiritwali li timbuttana biex kuljum nagħmlu pass 'il quddiem biex insiru ħaġa waħda ma' Ġesù.

***Offertorju:*** *(X'ħin ikunu se jitressqu l-offerti lejn l-artal, l-animatur igħid):*
Kristu qed jistenna minna qalb imħejjija biex tibda ħajja ġdida iktar qrib tiegħu. Għalhekk noffrulu lil qalbna ma' dawn l-offerti li se rressqu lejn l-artal, waqt li nkantaw…

***Tqarbin:*** *(Waqt li s-saċerdot ikun jitqarben bid-Demm ta' Kristu, l-animatur igħid)*
"Nisqi l-poplu maħtur tiegħi li sawwart għalija" smajna l-Mulej igħid fl-ewwel qari. Lilna wkoll, il-poplu maħtur tiegħu, se jmantnina bil-Ġisem u Demm tiegħu. Nersqu bil-qima għal dan l-ikel, waqt li nkantaw….

***Ringrazzjament:*** *(waqt li s-saċerdot ikun jippurifika l-Kalċi, l-animatur igħid)*
"Kbir f'għemilu l-Mulej magħna" irrepetejna fis-salm, u l-istess kliem nistgħu ntennu issa wara din it-tqarbina. Għalhekk irroddu ħajr lil Alla għal dak li għadu kemm għamel magħna billi nkantaw (jew) ngħidu…

***Kant tal-Għeluq…***